**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 35 – 12 ta' Gunju 2014**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 35. Il-laqgħa bdiet fis-6:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| Skużati: | Ħadd | |
| Assenti: | Cain Grech | Kunsillier |
| Uffiċjal preżenti: | Paula M. Valletta | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ppropona li jigu approvati l-minuti ta Agenda 33. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Duncan Bartolo.

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, George Cortis, Catherine Sammut u Duncan Bartolo

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-minuti ġew approvati (151).

1.2 Il-Kunsillier Duncan Bartolo qal f'pagna 240, punt 2.1 ghandha ssir korrezzjoni sabiex jigi specifikat li 'l-Kunsill qabel li dan huwa esperiment ghal din is-sena'. Is-Sindku Alfred Grixti ppropona li jigu approvati l-minuti ta' Agenda 34. Il-Kunsillier George Cortis issekonda din il-mozzjoni.

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, George Cortis, Catherine Sammut.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Duncan Bartolo

Il-minuti ġew approvati (152).

## 2 HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

2.1 Is-Sindku Alfred Grixti qal li ghandha ssir laqgha t'evalwazzjoni bejn il-partijiet kollha nvoluti fil-festa ta' San Filep jigifieri; l-Arcipriet, is-Supretendent u l-iSpettur, il-Kazini u l-Kunsill Lokali. Ghal din il-laqgha ghandu jkun hemm prezenti wkoll il-Kunsilliera kollha.

Dahal ghal-laqgha l-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina fis-6:45pm.

2.2 Il-Kunsilliera Catherine Sammut saqsiet jekk iz-Zebbug Rangers kellhomx permess sabiex izommu l-muzika gholja. Is-Sindku qal li kien inghatalhom permess minghand il-pulizija sabiex jispicca kollox sas-6.00pm. Huwa qal ukoll li saret talba lill-Kunsill sabiex jitqieghdu 2 set ta' toilets fil-grawnd kif ukoll set iehor lejn il-Knisja Arcipretali.

Is-Sindku Alfred Grixti qal li fil-laqgha li saret mal-Arcipriet, Pulizija u Kazini, saret talba mill-Kazin Banda San Filep sabiex ma jsirx parkegg fi Triq il-Kbira mill-Kazin Banda San Filep sad-Do it All mill-Gimgha sal-Hadd tal-festa. Il-Kazin Banda 12th May talbu li l-Monti ma jarmax il-Gimgha 6 ta' Gunju 2014 minhabba li jkun irid isir l-armar tan-nar u minhabba l-periklu li kien ser jinholoq. Is-Sindku spjega li l-monti jintrama 260 darba fis-sena u ghaldaqstant din id-darba mhux ser taghmel effett. Is-Sindku issuggerixxa li sena ohra l-Kunsill ghandu johrog b'sit alternattiv fejn ghandu jintrama il-Monti fil-gimgha tal-festa.

Il-Kunsillier Philip Said dahal fis-7.00pm

2.3 Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien sar abbuz mill-ex Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo meta l-monti mar wara l-grand tal-futboll waqt li kien qed isir il-progett tal-Pjazza. Fil-Gazzetta tal-Gvern kien gie ppublikat li l-Monti ser jintrama kull nhar t'Erbgha u nhar ta' Gimgha izda meta dan mar lura fi Triq Sciortino, baqa' jintrama erba' darbiet fil-gimgha. Is-Sindku ta' dak iz-

zmien Joseph Ciantar kien alloka 30 post izda minhabba d-decizjoni li kien ha Edwin Vassallo dak iz-zmien, il-Monti spicca jintrama anke fuq ir-rawndebawt. Is-Sindku qal li dan kollu stqarru kemm-il darba l-eks Sindku s-Sur Ciantar waqt laqgħat tal-Kunsill u kollu jinsab fil-minuti. Hu żied li meta saret laqgħa mal-eks-Ministri Dr Jason Azzopardi u Dr Chris Said fuq talba taż-Żebbuġ Business Association (ŻBA) kien semma wkoll dan il-punt kif qiegħed isemmieh issa.

2.4 Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-akbar inkonvenjent li qed jinholoq hu l-kwantità ta'skart li qeghdin ihallu warajhom il-bejjiegha specjalment meta jkun ir-rih. Dan ghaliex l-iskart qed jispicca jinfirex mat-toroq tal-madwar.

2.5 Is-Sindku Alfred Grixti qal li bdew japplikaw il-kundizzjonijiet il-godda ghall-kjosks tal-Gianpula. Huwa kompla jghid li wahda minn dawk li kienu nteressati jarmaw bi kjosk quddiem il-Gianpula ma qablitx ma' l-ammont ta' depositu ta Eur 500 u ghaldaqstant marret tappella ghax hija hasset li l-ammont li kellu jithallas bhala depositu kellu jkun ta' Eur233. Meta s-Sindku gie avvicinat mis-Sur Michael Cohen, gie deciz li minhabba li f'kull xahar hemm erba' *weekends*, l-ammont ta Eur500 depozitu huwa aktar milli gust.

2.6 Dwar il-gabbani li jarmaw ghall-festa ta' San Filep, is-Sindku qal li ghandu jigi kkunsidrat:
a. jekk il-kunsill huwiex se jkompli jzomm l-immanigjar tal-kjosks fil-pjazza
b. jekk l-esperiment li sar f Triq Giovanni Pullicino u li mar tajjeb, jistax jigi estiz.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku gab ghall-attenzjoni korrispondenza kif ukoll ritratti tal-arbli tad-dawl li gew installati fi Vjal il-Helsien is-sena li ghaddiet. Id-dawl tal-arbli l-baxxi tan-naha tal-Muzew tas-Subien ta' Vjal il-Helsien ilu ghal diversi drabi jigi rrapurtat bil-hsara. Dawn ir-ritratti li hemm mehmuzin f'din il-korrispondenza juru bic-car shades imsaddin li qed jidhol l-ilma minnhom u kawza ta' hekk qeghdin jixxortjaw.

3.2 Is-Sindku semma memo 17/2014 dwar servizz tal-Melita ghall-online streaming sabiex dan jithallas mid-Dipartiment. Huwa ppropona li jitttiehed vot favur din il-mozzjoni. Gie ssekondat mill-Kunsillier Roderick Aquilina.

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, George Cortis, Catherine Sammut, Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, Philip Said

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni giet approvata (153).

3.3 Is-Sindku Alfred Grixti tkellem dwar is-sejba tal-pjanti tal-cannabis gewwa Triq Paris. Huwa qal li jidher car li permezz ta' din is-sejba xi nies pruvaw joskuraw lill-Kunsill.

Dakinhar tas-sejba xi hadd cempel lil newsbook.com, li min-naha taghhom gew fuq il-post. Il-gurnalista hadet xi ritratti filwaqt li nfurmat lill-pulizija u telqet minn fuq il-post. Ftit wara newsbook ghamlu kuntatt mas-Sindku. Meta l-Pulizija marru fuq il-post, il-pjanti kienu maqlughin. F'intervista li kellu s-Sindku xi gimghat wara li saritlu l-ewwel intervista, is-Sindku qal li l-ebda Kunsill Lokali ma kellu~~x~~ r-rizorsi finanzjarji u umani sabiex ikun hemm l-ghassa mar-rawndebawts. Hu qal li kien għalhekk li bħala membri tar-Reġjun Nofsinhar kienu qed jistħarrġu l-possibilità li japplikaw għal fondi mill-UE fuq bażi ta' reġjun sabiex isir proġett ta' sorvlejanza permess ta' CCTV li jaħdem bl-internet. Is-Sindku kompla jgħid li dan kollu ġie mogħti l-ġemb mill-ġurnalista ta' newsbook.com u fil-headline intqal biss li l-Kunsill ma għandux finanzi biex jissorvleja r-rawndebawts. Huwa tenna li kien hemm min approfitta ruhu minn din is-sitwazzjoni u prova jkabbarha fuq is-social media sabiex b'xi mod idawwarha kontra l-Kunsill Lokali.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1 Is-Sindku gab ghall-attenzjoni l-vot tal-flus kif prezentat li jammonta ghal Eur39,614.17.

4.2 Il-Kunsillier Duncan Bartolo ppropona li l-vot tal-flus jghaddi kif prezentat filwaqt li l-Kunsillier Philip Said sekonda din il-mozzjoni.

Il-Vici-Sindku Thomas Agius qal li ser jastjeni mill-vot tal-flus li gie prezentat favur Wilson Mifsud u Mario Cachia. Il-Kunsillier Robert Tabone qal li ser jastjeni mill-vot li hemm favur Mario Cachia. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina qal li qed jivvota kontra il-vot li hemm ghal M & E Management ta' Eur 2,360, filwaqt li qed jastjeni mill-vot ta' Eur4,000 ghall-ewwel parti mill-kont dwar Nightfest 2014.

Ghall-kumplament tal-vot kulhadd ivvota favur. Ghalhekk din il-mozzjoni ghaddiet (154).

4.3 Is-Sindku Alfred Grixti qal li issa hemm post vakant fil-kumitat tat-tenders. Ghaldaqstant sabiex ikun hemm rapprezentanza skont l-ammont ta' voti li gabu z-zewg partiti politici f'dan il-kumitat, is-Sindku qed jinnomina lil Salvu Borg u lil Joe Bongailas. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina innomina lil Christina Ciappara bhala sostitut.

Il-Kunsillier George Cortis hareg mil-laqgha fit-8.00pm.

## 5. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

Is-Sindku tkellem dwar rapporti li *l*-gheruq tas-sigar li hemm mar-rawndebawt fi Triq Sciortino kienu qed jidhlu lejn il-flats u anke n-naha tal-Kazin tal-PL, u b'kawza t'hekk kien qed jidhlu xi ilmijiet. Huwa qal li din is-sitwazzjoni trid tiġi indirizzata bil-għajnuna tal-Ministeru tal-Ambjent.

Il-Kunsillier Philip Said qal li jehtieg li jsiru speed bumps u *Pelican Lights* gewwa Triq Mikielang Sapiano

## 6. AĠĠORNAMENT

Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għat- 10 ta' Lulju 2014 fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-8:40 pm.

Alfred Grixti
Sindku

Paula M. Valletta
Segretarju Eżekuttiv